MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2011

Numru. 385/2003

**Il-Pulizija**

**Supretendent Silvio Valletta**
**vs**
**Maurizio Massimiliano**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Maurizio Massimiliano, ta' 39 sena, iben Giovanni u Luiga Delli Colli, imwieled l-Italja fit-28 ta' Novembru 1964 u bla indirizz fiss, prezentament detenut il-Facilita Korrettiva ta' Kordin, numru tal-ID card 1146 A gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

U nakkuzah talli fit-23 ta' Frar, 2003 fi Triq Johny Catania, Msida, ghall-habta ta' l-4.00 p.m. bil-hsieb li jikkommetti serq ta' stereo tal-karozzi u oggetti ohra li jiswew aktar minn LM100, izda anqas minn LM1000 ghad-dannu ta' Nadine Caruana, wera dan il-hsieb li jaghmel delitt b'atti estrni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi kisser u

ipprova jidhol fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni DBI 842 tal-ghamla V.W. Polo;

Ukoll talli fl-istess data, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli fil-karozza bin-numru tar-registrazzjoni DBI 842 ghad-dannu ta' Nadine Caruana, liema hsara tiskorri LM 50 izda anqas minn LM 500;

Fl-ahhar nett nakkuzah talli huwa jinsab ricediv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta liema sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jigu mhassra;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) tal-11 ta' Frar 2004 u l-atti kollha relattivi ghal dan l-appell fejn giet annullata s-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament prejeduta fit-28 ta' Awissu 2003 u fejn gew annullati l-proceduri kollha li saru mill-mument li l-imputat Maurizio Massimiliano tressaq quddiem din il-Qorti fis-26 ta' Mejju 2003 u fejn l-atti ntbaghtu lura quddiem din il-Qorti sabiex il-kaz jinstema' mill-gdid.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 23 ta' Frar, 2004 (esebit *a folio* 94 tal-atti processwali) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-12 ta' Marzu, 2004 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw attentat ta' serq ta' stereo li allegatament sehh fit-23 ta' Frar 2003 ghall-habta tal-4.00pm minn Triq Johnny Catania, l-Imsida mill-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DBJ 842 propjeta' ta Nadine Caruana. Mill-provi rrizulta li fl-imsemmija data Nadine Caruana kienet cemplet lil Pulizija sabiex tirrapporta li

waqt li kienet qed tittawwal mill-gallarija tad-dar taghha kienet rat lil ragel qed ikisser il-quarter window tal-vettura taghha liema vettura kienet parkeggjata taht il-gallarija u jdahhal idu mit-tieqa tal-vettura izda meta hija bdiet tghajjat dan ir-ragel hares ‘il fuq u mbaghad telaq jigri. Irrizulta wkoll li d-derubata wara li tat deskrizzjoni tal-imputat u tal-hwejjeg li kien liebes u wara li marret l-Ghassa taghmel rapport, daret l-inhawi bil-vettura taghha u identifikat lir-ragel li kienet rat qed ikisser il-hgiega tal-vettura taghha lil Pulizija u ndikatilhom li kienet ratu diehel fil-latrina pubblika li hemm bejn il-Gzira u Ta’ Xbiex. Dan ir-ragel, li kien l-imputat fil-kawza odjerna, gie arrestat u mressaq il-Qorti addebitat bl-imputazzjonijiet odjerni.

Ikkunsidrat:

Illi dawn il-proceduri kellhom jergghu jibdew jinstemghu mill-gdid stante li kien sar zball procedurali quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta fejn meta sarlu l-interrogatorju l-imputat ma giex mistoqsi jekk kellux oggezzjoni li l-proceduri jinstemghu u jigu decizi bi procedura sommarja kif jistabbilixxi l-Artikolu 370(4)(a) tal-Kodici Kriminali u ghalhekk dak kollu li kien sar quddiem din il-Qorti sakemm inghatat is-sentenza tat-28 ta’ Awissu 2003, inkluza l-istess sentenza, gie annullat.

Illi l-kaz kollu tal-Prosekuzzjoni f’dawn il-proceduri jiddependi fuq ix-xhieda tad-derubata Nadine Caruana li kienet hija li rat lill-imputat allegatament qed jipprova jisraq mill-vettura taghha u sussegwentement indikatu lil Pulizija waqt li kien diehel fil-latrina ta’ Ta’ Xbiex fejn imbaghad gie arrestat sabiex jigi interrogat dwar l-attentat serq mill-vettura ta’ Caruana u fejn huwa innega li kien prova jisraq minn din il-vettura. Sfortunatament Nadine Caruana ma ttellghatx tixhed fil-proceduri odjerni, u cioe’ meta dawn regghu bdew jinstemghu mill-gdid, sabiex tidentifika lill-imputat bhala l-persuna li rat qed jipprova jisraq mill-vettura taghha u sabiex tirrakkonta x’gara u tesebixxi ricevuta tal-hsarat minnha sofferti u stima tal-istereo li kien hemm fil-vettura taghha u dan nonostante li l-Prosekuzzjoni inghatat diversi opportunitajiet sabiex ittella’ l-imsemmija xhud u a diritura inhareg Mandat ta’

Akkompanjament sabiex din ix-xhud tingieb il-Qorti sabiex tixhed. F’dawn il-proceduri l-anqas ma ngabet xi prova ohra li tindika li kien l-imputat il-persuna li prova jisraq mill-vettura ta’ Nadine Caruana u li kisser il-hgiega tal-istess vettura. Ghal din ir-raguni u b’sens ta frustrazzjoni ugwali ghal dik li esprimiet il-Qorti tal-Appell Kriminali meta kienet kostretta tannulla l-proceduri u s-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta minhabba mankanza procedurali, din il-Qorti ma tistghax tqis li gie pruvat lil hinn min kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat kien il-persuna li allegatament kiser il-quarter window tal-vettura ta’ Caruana u li prova jisraq mill-imsemmija vettura.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------